II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 74/2014

tat-28 ta' Jannar 2014

li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 204/2011.

(2) Il-Kunsill jikkunsidra entità waħda għandha titneħħa mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011.

(3) L-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-entità li ġejja hija mħassra mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011:

Libyan Housing and Infrastructure Board (HIB).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
G. STOURNARAS

[1] ĠU L 58, 3.3.2011, p. 1.